MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Numru 963/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR SHARON TANTI**

**VS**

**SYLVANA TANTI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Sylvana Tanti, ta’ 34 sena, mart Noel, bint Carmel u Sylvia nee’ Chircop, imwielda Attard, nhar it-22 ta’ Awissu, 1971, residenti fil-fond numru 17, Zammit Clapp Street, tal-Pieta’, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 366871 (M);

Akkuzata talli gewwa tal-Pieta’, nhar l-24 ta’ Awissu, 2005 ghall-habta ta’ 5.30pm:

1. Sawtet lil binha minuri Jonathan u kkagunatlu feriti hfief, u dan kif iccertifikat minn Dr Flores, Reg no 1609, tac-Centru tas-Sahha, Gzira;

2. U aktar talli wzat vjolenza kontra l-istess minuri biex iggieghlu jaghmel halli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga, bi ksur tal-Artikolu 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U kif ukoll talli ghad li kellha d-dritt li twiddeb lil Jonathan Tanti, harget barra mill-qies, bi ksur tal-Artikolu 339(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ikkusidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 221 u 251 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 339 (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija mputata Sylvana Tanti hatja tat-tielet (3) akkuza migjuba kontrieh u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) xhur, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Izda ma ssibhiex hatja tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza migjuba kontrieha u ghaldaqstant tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------